

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.7281 — Lur Berri / PAI Partners / Labeyrie Fine Foods)
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2014/C 186/11)

1. Fl-10 ta' Ġunju 2014, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriżi Lur Berri (Franza) u PAI Partners ("PAI", Franza) jakkwistaw, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ tal-impriża Labeyrie Fine Foods ("Labeyrie", Franza) permezz ta' xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi konċernati huma:
 - Lur Berri: trobbija tal-annimali u pproċessar tal-laħam (b'mod partikulari l-grass tal-papri), produzzjoni agrikola, distribuzzjoni ta' prodotti DIY u tal-ġonna,
 - PAI: kumpanija tal-investment;
 - Labeyrie: produzzjoni u distribuzzjoni ta' prodotti tal-ikel (pereżempju foie gras, salamun, blinis, deżerta ffriżata).
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, madankollu d-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni Ewropea mhux aktar tard minn għaxart ijiem mid-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni Ewropea bil-faks (+32 22964301) jew b'email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bin-numru ta' referenza M.7281 — Lur Berri / PAI Partners / Labeyrie Fine Foods, f'dan l-indirizz:

Commission européenne
Direction générale de la concurrence
Greffé des concentrations
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").